**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kump. Nru: 172/12**

**Illum: 26 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Stephen Spiteri**
**(ID 75186(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Stephen Spiteri ta' 39 sena, iben Victor u Ċensina nee` Scerri, imwieled l-Awstralja, nhar id-19 ta' Mejju 1972, residenti Entratura A, Flat Numru 6, Triq l-Għajn, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 75186(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer ġewwa l-Belt Valletta, nhar il-15 ta` Frar 2012, għall-ħabta tas-13:00 ta' wara nofsinhar:

1. Ikkaġuna diversi offiżi fuq il-persuna ta' Sharon Spiteri, omm uliedu, liema offiżi jitqiesu li huma gravi skond kif iċċertifika Dr Daniel Barta M.D. u dan bi ksur tal-artikolu 216 u l-artikolu 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Sharon Spiteri, il-biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha, meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil Sharon Spiteri, hekk tibża'

kull darba minn dawn l-okkażżjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ikkaġuna lil Dr Christian Malcolm Grima LL.D., il-biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tiegħu, meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil Dr Christian Malcolm Grima LL.D., hekk jibża' kull darba minn dawn l-okkażżjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Inġurja u/jew hedded lil Dr Christian Malcolm Grima LL.D. u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lil Sharon Spiteri u r-residenza tagħha kif ukoll il-post illi hija tiffrekwenta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġeb ukoll illi mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Dan il-każ jirrigwarda inċident illi allegatament seħħ bejn l-imputat u Sharon Spiteri, fi sfond ta' diversi problemi matrimonjali bejniethom u li fiż-żmien tal-każ odjern kienu għaddejjin minn proċeduri varji f'dan il-kuntest. L-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fil-15 ta' Frar tas-sena 2012 ġewwa l-bini tal-Qorti u fil-preżenza, fost oħrajn, taż-żewġ ulied minuri tal-konjuġi Spiteri u missier l-istess Sharon Spiteri, li lkoll xehdu f'dawn il-proċeduri.

Jirriżulta mix-xhieda prodotta, illi dak in-nhar tal-15 ta' Frar 2012, Sharon Spiteri u l-imputat odjern kellhom proċeduri l-Qorti, f'liema proċeduri, Sharon Spiteri ġiet akkużata talli naqset milli tieħu lil uliedha għall-aċċess tal-missier, l-imputat odjern, ġewwa l-bini tal-Appoġġ. Il-kawża nstemgħet fl-awla numru 21, fit-tieni sular tal-binja prinċipali tal-Qorti. Flimkien ma' Sharon Spiteri, jirriżulta illi kien hemm missierha, Raymond Spiteri, u ż-żewġ ulied tal-partijiet, senjatament Francesca u Mikela, aħwa Spiteri. Da parti tiegħu, l-imputat kien akkumpanjat mis-sieħba tiegħu, Emiliana Micallef.

Dwar l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni, Sharon Spiteri tixhed illi dak in-nhar tal-15 ta' Frar 2012 hija ġiet illiberata mill-akkuża/i miġjuba kontra tagħha u fi kliemha stess, l-imputat ħareġ "*indannat*"[1]. Spjegat illi waqt illi hi, missierha u ż-żewġ uliedha kienu niżlin it-taraġ tal-Qorti, akkumpanjati mill-avukat ta' fiduċja tagħha, Dr Christian Grima LL.D., l-imputat beda jinsulentahom. Fissret illi l-ewwel beda jinsulenta lill-Avukat Dr. Christian Grima LL.D u beda jheddu illi kien ser ipattiha kemm lilu kif ukoll lill-familjari tiegħu. Imbagħad, skont hi, l-imputat beda jgħajjar lit-tfal u jgħidilhom li kienu maħmuġin, lil waħda minnhom li kienet tagħmel pipi taħtha u lill-oħra illi għandha geddumha twil. Tgħid illi lilha għajjarha prostituta fost tgħajjir ieħor bħal dan. Hija tgħid illi ħadet il-parir tal-avukat tagħha sabiex jibqgħu neżlin u lill-imputat ma jkellmuhx u għalhekk, hi, l-ulied u missierha baqgħu neżlin it-taraġ biex joħorġu mill-bieb prinċipali tal-Qorti. Tgħid illi hija ħarġet mill-bieb u l-imputat baqa' jgħajjar lit-tfal u li l-imputat qabad jagħtiha għax ma kellmitux. Tgħid illi hekk kif kienet fuq it-tarġa tal-Qorti, taħt il-loġġa, l-imputat qabdilha rasha u beda jagħtiha fuqha u jħabbtilha rasha mal-ħajt. Fissret illi dak il-ħin, hija stordiet, bdiet tirremetti u daħħluha lura, ġewwa l-bini tal-Qorti, sabiex tingħata assistenza. Tgħid illi b'riżultat ta' dan l-inċident, hija kellha daqqa fuq ix-xoffa, f'rasha u f'idha. Tgħid illi sussegwentement, marret l-għassa u in segwitu l-Pulizija akkumpanjawha ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa minn fejn intbagħtet l-isptar Mater Dei għal aktar aċċertamenti u testijiet mediċi.[2]

Xehed ukoll Raymond Spiteri, missier Sharon Spiteri, illi kkonferma li dak in-nhar tal-inċident kien qiegħed il-Qorti flimkien ma' bintu. Ikkonferma wkoll illi huma u neżlin it-taraġ tal-Qorti, l-imputat u s-sieħba tiegħu, ċertu Emiliana Micallef, bdew jinsulentaw lit-tfal, lil waħda jgħajjruha maħmuġa u li tagħmel pipi taħha u lil oħra li għandha geddumha twil. Magħhom kien hemm ukoll l-Avukat Dr. Christian Grima. Skont ix-xhud, lill-avukat, l-imputat qallu li kien ser ipattiha lilu u lil familtu. Żied illi ħarġu barra, kienu qabżu l-grada tal-Qorti u x'ħin kienu fuq it-tarġa ħerġin għal Strada Rjali, sema' lil bintu twerżaq u tgħajjat. Huwa jgħid illi ra lil bintu ma' l-art, tirremetti u ra ukoll lill-imputat

[1] A fol. 47 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 46 sa 50.

iħabbtilha rasha mal-ħajt. Spjega b'referenza għall-imputat illi "*Qabdilha rasha hekk u ħabbatilha mal-koxxa*"[3] u dan kif ħarġu mill-bieb ta' barra, fuq in-naħa tax-xellug. Jgħid ukoll illi bintu stordiet u niżlet mal-art. Żied jgħid illi ssejjħu l-Pulizija fuq il-post, lil bintu haduha ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa u hu mar magħha. Jgħid in oltre illi jidhirlu li kellha xi demm u ħass ħażin fuqha.[4]

L-Avukat Dr. Christian Grima ikkonferma illi dak in-nhar tal-inċident, hekk kif l-kawża tlestiet, ħarġu mill-awla u huwa akkumpanja lil Sharon Spiteri u lill-familjari tagħha billi ra illi waqt il-kawża, l-imputat deher aġitat u rrabjat. Xehed illi huma u neżlin it-taraġ li jagħti għall-ewwel sular tal-Qorti, l-imputat "*beda jagħmel ħafna kummenti illi jiena drajthom, illi kull darba li nitilgħu l-Qorti dan dejjem bil-kummenti jgħajjar lil klijenta tieghi, l-ex mara tiegħu u jħares f'għajnejja u jgħidli 'inti tfal għandek, missek tistħi, jiena naf' jiena ħassejtni skomdu, jiena rrid nagħmel xogħoli hawn u ma nippretendix illi jiena nħoss il-biża waqt illi qed nagħmel xogħoli.*"[5] Żied jispjega illi huwa għamel l-almu tiegħu sabiex jgħin lill-konjuġi Spiteri fid-diffikultajiet tagħhom pero` waqt illi xi minn daqqiet l-imputat kien ikun dħuli, drabi oħra kien "*ikun irrabjat qisu dimonju dan ir-raġel u dak inhar kien fi stat ta' dimonju*".[6] Ix-xhud jgħid illi huwa ma wassalx lill-klijenta tiegħu sal-bieb ta' barra tal-Qorti u għalhekk ma rax l-inċident iseħħ. Fisser illi ra lill-klijenta tiegħu, lil missierha u lit-tfal ħerġin dritt lejn il-bieb ta' barra u dak il-ħin dar sabiex imur ikompli b'xogħolu meta kif wasal quddiem l-awla numru 5 sema' ħafna għajjat, kommozzjoni u twerżieq, dar lura u ra lil Sharon Spiteri dieħla lura ġewwa l-bini tal-Qorti, "*b'ħafna nies imdawwrin magħha, wiċċha u ħalqha bid-demm, xagħarha mqanfed u qisha se taqa' mal-art*". Żied illi minnufih għarraf lill-Pulizija illi s-suspett tiegħu kien fi Stephen Spiteri u dan in vista tal-atteġjament li kien osserva ftit tal-ħin qabel. In kontro-eżami, ix-xhud jgħid b'referenza għall-kliem dirett lejh mill-imputat x'ħin kienu neżlin it-taraġ, "*l-ispirtu ta' dak il-kumment lili galni nhoss biza ghat-tfal tieghi u hekk kienet intenzjonata.*" Meta ġie ssuġġerit lilu illi l-kliem fil-konfront tiegħu ma kienx wieħed ta' theddid, iżda sempliċiment ta' dispjaċir għall-fatt illi kien għadu kif tilef kwerela dwar aċċess għal uliedu u li allura kien jippretendi illi x-xhud jifhmu, l-istess xhud wieġeb hekk: "*Jien dak il-ħin il-mument kif kellini, kif ippunta wiccu, kif ippunta subajgh lejja u il-manjiera kif kellimni, le ma hadtix li dan qed jghidha 'isma qed inhossni mugugh ghax inti gahndek tfal bhali u jekk inti ma tiehux l-access kif jienama hadtx l-access allura jiena inkun dispjecut. Jiena dik it-theddida kienet theddida illi jiena naf fejn noqghod jiena, jiena naf*

[3] A fol. 52 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 51 sa 54 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 56 tal-proċess.
[6] A fol. 56 tal-proċess.

*li joqghod il-Belt u ma irridx inkun jiena miexi bil-lejl sejjer id-dar u noqghod inhares wara*”.[7] [8]

Xehdu wkoll Mikela u Francesca Spiteri, ulied il-konjuġi Spiteri, li kienu preżenti meta seħħ l-inċident dak in-nhar tal-15 ta’ Frar 2012. Mikela Spiteri spjegat illi waqt illi kienu qegħdin jistennew barra sabiex jiġu msejjħa jidħlu fl-awla, l-missier beda jagħmlilhom xi mossi pero` ma kienx hemm kliem. Il-minuri jgħidu illi wara l-kawża, waqt illi kienu neżlin it-taraġ flimkien ma’ ommhom Sharon Spiteri, in-nannu matern, Raymond Spiteri, u l-avukat ta’ ommhom, l-imputat missierhom u s-sieħba tiegħu kienu neżlin it-taraġ warajhom. Mikela Spiteri tgħid illi huma u neżlin it-taraġ l-imputat missierha beda jgħajjarhom u joffendi lill-avukat ta’ ommhom bil-familja tiegħu u uża kliem baxx. Tgħid ukoll illi heddu bil-familja. Mikela Spiteri tgħid ukoll illi lilha għajjarha ‘maħmuġa’ u ‘qaħba’, lil ommha wkoll indirizzaha bħala ‘qaħba’ u lil oħtha beda jgħidilha ‘bewwiela’ u tgħid illi huma ma reġgħux irrispondewh. Tgħid ukoll illi meta jarahom, ħafna drabi hekk jagħmlilhom, iżda huma ma jirrisponduhx. Tgħid illi huma baqgħu neżlin it-taraġ, u kif ħarġu mill-bieb, missierha ta daqqa ta’ ponn lil ommha. “*U sabbtilha rasha mal-gebel mal-bieb tal-Qorti ta’ mal-genb*”.[9] Ommha sturdiet u waqgħet mal-art u ddaħħlet ġewwa l-binja tal-Qorti. Tgħid illi ommha kellha d-demm ma’ xufftejha, “*imbagħad minn xagharha u beda jsabbitlha rasha mal-gebel u kif waqqfuh u firduhom, il-mummy waqghet mal-art*”.[10] In kontro-eżami, meta ġie suġġerit lilha jekk setax kien il-każ illi ma kienx missierha li ta daqqa ta’ ponn lil ommha, iżda s-sieħba tiegħu, hija wieġbet fin-negattiv, li kienet ċerta minn dan, anke għaliex is-sieħba tiegħu kienet qegħda ħdejha, ossia ħdejn ix-xhud. Dak il-ħin li ngħatat id-daqqa ta’ ponn hija kienet ħierġa mill-bieb tal-Qorti u kienet ħierġa ma’ ommha u setgħet tara sewwa dak illi kien qiegħed iseħħ.[11]

Da parti tagħha Francesca Spiteri tikkonferma illi x’ħin kienu neżlin it-taraġ, missierha, li kien jinsab warajhom flimkien mas-sieħba tiegħu, beda jgħajjar lill-avukat bil-familja tiegħu, imbagħad indirizza lil ommha u lil oħtha bħala ‘qaħba’, fil-waqt illi kienet is-sieħba ta’ missierhom illi lilha bdiet tgħajjarha ‘bewwiela’. Tgħid illi baqgħu ma kellmuhx sabiex ma jaqilgħux inkwiet u x’ħin ħarġu barra missierha ta daqqa ta’ ponn lil ommha fuq xufftejha, bir-riżultat li ħarġilha d-demm. Tgħid ukoll illi sabbtilha rasha mal-ħajt u ommhom sturdiet u waqgħet mal-art sakemm iddaħħlet lura ġewwa l-bini tal-Qorti, fejn bdiet tirremetti u hi bdiet ixxarbilha wiċċha. Francesca Spiteri ukoll ikkonfermat illi kien l-imputat missierha illi ħebb għal ommhom u mhux is-

---

[7] A fol. 57 tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 55 sa 58 tal-proċess.
[99] A fol. 100 tal-proċess.
[10] A fol. 101 tal-proċess.
[11] A fol. 97 sa 108 tal-proċess.

sieħba tiegħu għaliex għalkemm hija kienet quddiem ommha, tikkonferma illi hija ratu jaggredixxi lil ommha. Skont hi, is-sieħba tal-imputat, Emiliana Micallef, kienet tinsab wara l-imputat. Teskludi wkoll illi qabel seħħ l-inċident kien hemm mossi jew kliem min-naħa ta' ommhom fil-konfront tal-imputat.[12]

Xehdu wkoll l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Kylie Borg[13], PC 200 Bjorn Delia, PC 605 Lino Parascandolo u PS 14 Clayton Fiteni dwar l-involviment tagħhom fl-investigazzjoni. L-okkorrenza relattiva bil-verżjonijiet tal-partijiet ġiet ippreżentata mill-imsemmi Surġent.[14] L-Ispettur Borg xehdet illi kienet hi illi tat stuzzjonijiet sabiex Sharon Spiteri tittieħed ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa għall-kura u tgħid illi l-imputat ukoll intbagħat għall-kura għaliex allega li kien ġie aggredit. L-Ispettur Borg spjegat ukoll illi l-istess imputat ġie iċċertifikat illi sofra minn ġrieħi ta' natura ħafifa, liema ċertifikat baqa' ma ġiex esebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri, fil-waqt illi l-ewwel ċertifikat maħruġ fil-konfront ta' Sharon Spiteri miċ-Ċentru tas-Saħħa kien jindika illi hija kienet ġarrbet ġrieħi ta' natura gravi.[15] Tgħid illi hija ntbagħtet l-isptar Mater Dei u hemmhekk ġiet ċertifikata illi kellha feriti ħfief.[16] Tgħid ukoll illi l-imputat ġie arrestat u ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, iżda rrifjuta illi jottjeni parir legali u wara rrilaxxja stqarrija lill-pulizija.[17]

Xehed Dr. Daniel Barta illi eżamina lil Sharon Spiteri ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana u kkonferma ċ-ċertifikat minnu rilaxxjat fil-konfront tagħha fil-jum in kwistjoni. Huwa fisser illi Sharon Spiteri infurmatu illi kienet irremetiet qabel marret ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa u fil-ħin tal-eżami wriet sintomi ta' *brain concussion* billi kienet qiegħda ssofri minn uġigħ ta' ras, sturdament u dardir, kellha wkoll uġigħ fuq iż-żewġ naħat ta' rasha, demm niexef u nefħa fuq in-naħa tal-lemin ta' xoffitha u nefħa u uġigħ fuq il-warda ta'wiċċha tan-naħa tal-lemin. Jgħid illi kellha wkoll uġigħ fis-sebgħa l-kbir ta' idha l-leminija li deher ukoll illi kien minfuħ u fih il-moviment kien limitat. Dehret ukoll illi kienet fi stat ta' xokk u anzjeta`. Stante illi huwa ssuspetta *brain concussion* huwa rreferiha ġewwa l-isptar Mater Dei għal iżjed investigazzjoni u sabiex tittieħed *x-ray* ta' subgħajha l-kbir biex jiġi determinat jekk kienx hemm ksur. Dwar in-natura tal-ġrieħi fisser hekk: "*Since I was suspecting a brain concussion I qualified it as grievous. In Floriana Health Centre I have no means to exclude that it is not. So from the medical point I have to suspect the worst and exclude it then saying it is ok and some serious*

[12] A fol. 109 sa 118 tal-proċess.
[13] Ara din ix-xhieda a fol. 76 sa 78 tal-proċess.
[14] Ara dan ir-rapport a fol. 70 sa 74 tal-proċess.
[15] Ara dan iċ-ċertifikat, a fol. 21 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 20 tal-proċess.
[17] Din tinsab esebita a fol. 17 sa 19 tal-proċess.

*problems will develop.*"[18] Fisser illi huwa qies il-ġrieħi bħala gravi, għaliex f'dak l-istadju ma kienx f'posizzjoni li jeskludi dan.[19]

It-tabib Dr. Chris Sant ikkonferma li kien hu li rrilaxxja ċ-ċertifikat esebit a fol. 20 tal-proċess fil-konfront ta' Sharon Spiteri u jgħid illi hija kienet daħlet l-emerġenza (ġewwa l-isptar Mater Dei) b'uġiegħ f'rasha u fil-polz tal-lemin. Xehed illi s-*CT scan* u l-*x-ray* tal-polz li sarulha taw riżultat normali u ma kienx hemm ksur jew *dislocations*. Jispjega illi huwa klassifika dawn il-ġrieħi bħala ħfief stante illi ma kienx hemm ksur, lanqas ksur fil-ġilda.[20]

L-imputat għażel illi jixhed f'dawn il-proċeduri u spjega illi dak in-nhar tal-inċident huwa kien jinsab il-Qorti in konnessjoni ma' kawża kontra Sharon Spiteri rigwardanti l-aċċess tiegħu għal uliedhom. Din il-kawża kellha tinstema' f'awla fit-tieni sular tal-binja prinċipali tal-Qorti. Huwa jgħid illi damu madwar tliet sigħat jistennew barra l-awla sakemm ġiet imsejjħa l-kawża tagħhom u matul dan il-ħin, inqalgħu xi battibekki u kien hemm tgħajjir minn Sharon Spiteri u missierha fil-konfront tiegħu. Skont hu, Spiteri bdiet tgħajjru '*oħxon*' u anki lissnet xi kliem kontra omm l-imputat. Preżenti wkoll kien hemm Emiliana Micallef, is-sieħba tiegħu. Żied jgħid illi t-tfal ma kienux preżenti mill-bidu iżda meta waslu l-Qorti beda ħafna tgħajjir u paroli, anzi xehed, illi qabel marret għat-tfal Sharon Spiteri qalet lill-imputat illi kienet sejra ġġib it-tfal ħalli jgħajjruh huma wkoll, u skont hu, meta waslu t-tfal, Raymond Spiteri beda jgħid lit-tfal "*għajjruh lid-daddy, għajjruh*". X'ħin il-kawża tlestiet, qabdu neżlin it-taraġ tal-Qorti u Spiteri kienet nieżla quddiemu flimkien mal-Avukat tagħha, Dr Christian Grima, waqt illi bdiet tħares lura u tgħajjru. Kif niżlu isfel, l-Avukat Dr Christian Grima dar fid-direzzjoni lejn il-*lifts* waqt illi Spiteri baqgħet sejra lejn il-bieb ta' barra u sadanittant kien hemm distanza ta' ftit metri bejnu u bejnha, iżda meta ġew biex joħorġu u waslu kważi mal-bieb ta' barra, ġew wara xulxin. L-ewwel ħarġu Raymond Spiteri jew it-tfal, imbagħad martu li kienet eżatt quddiemu. Skont l-imputat, kif ħarġu barra t-tfal bdew jgħajjru lil Emiliana Micallef "*qaħba*" għaliex skont huma, firdithom minn ma' missierhom. L-imputat ma felaħx iżomm kwiet u spjega illi lil waħda mit-tfal qalilha illi ma kienx messha tgħajjar lil min ħa ħsiebha għal sitt xhur sħaħ meta din ġiet imkeċċija mid-dar ta' ommha. L-imputat xehed illi f'dak il-ħin huwa qal lil bintu: "*lil din qed tghajjar, 6 xhur shah tnehhilek il-pipi minn gos-sodda ghax kellha vizzju taghmel pipi tahtha. Ghidtilha lil din qed tghajjar qahba, xebghet tlibbsek, tahslek u tnehhilek il-pipi minn gos-sodda*?"[21] L-imputat ammetta illi dak il-ħin ħadha kontra t-tifla, Francesca. Skont hu, dak il-ħin Spiteri daret, laqtitu ġo mnieħru u hu infaraġ u dak il-ħin beda jgħajjarha.

---

[18] A fol. 82 tal-proċess.
[19] Ara din ix-xhieda a fol. 80 sa 83 tal-proċess.
[20] Ara din ix-xhieda a fol. 84 sa 87 tal-proċess.
[21] A fol. 143 tal-proċess.

Kompla jgħid illi martu marret lejn Emiliana Micallef u din imbuttat lil martu. Jgħid ukoll illi huwa s'hemm biss jiftakar għaliex imbagħad mexa 'l barra u mar fuqu Raymond Spiteri, li tah daqqa ta' sieq. Sussegwentement, huwa mar l-għassa. Żied illi ma jafx kif Sharon Spiteri spiċċat b'dawk il-ġrieħi u jisħaq illi lilu ħarġuh il-barra u li l-argument kien bejn Sharon Spiteri u Emiliana Micallef. L-imputat tenna illi "*jien qas biss missejtha ghax lili kien hemm tnejn min-nies, jien ma nafx min huma, qabduni hekk ghax ovvja ser taqla' daqqa go mniehrek, ser tirritalja. Imma lanqas biss tawni cans nirritalja. Jien din fl-ebda hin ma missejtha ...*".[22]

Jgħid ukoll l-imputat illi Sharon Spiteri tħalliet tmur waħidha ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa u jallega illi setgħet għamlet ħafna affarijiet fit-triq. Żied illi meta kienu fid-dipartiment tal-emerġenza fl-isptar Mater Dei, Spiteri tant kienet muġugħa illi bdiet toħroġlu subgħajha tan-nofs. Żied jgħid ukoll illi kieku verament taha dawk id-daqqiet kollha, ma kinitx toħroġ mingħajr ġrieħi. In kontro-eżami jgħid ukoll illi wliedu gidbu fix-xhieda tagħhom. In kwantu l-iskontru mal-Avukat Dr Christian Grima, huwa jgħid illi lill-avukat dak il-ħin qallu xi kelma, anke tnejn, iżda dak il-ħin kien irrabjat. Jgħid illi kien aġitat għaliex martu offendietu b'ommu, illum mejta. Jerġa' jgħid illi martu ġiet fl-idejn mas-sieħba tiegħu u mistoqsi allura dwar id-demm u x-xagħar imqanfed li kellha martu, huwa jgħid li ma jaf xejn għax lilu qabduh u ħarġuh 'il barra.[23]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif ingħad, l-imputat volontarjament irrilaxxja stqarrija nhar is-16 ta' Frar 2012 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan ġie introdott fil-liġi Maltija bil-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016 permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti

[22] A fol. 147 tal-proċess.
[23] Ara din ix-xhieda a fol. 139 sa 155 tal-proċess.

Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-

interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala inammissibbli. Dan naturalment japplika wkoll għal kwalunkwe dikjarazzjonijiet oħra li għamel l-imputat mingħajr dan il-jedd.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Mill-provi prodotti jirriżulta ampjament illi fiż-żmien in kwistjoni r-relazzjoni ta' bejn l-imputat u Sharon Spiteri xejn ma kienet feliċi tant illi kellhom diżgwidi serji u anke kontinwi bejniethom, kif ukoll numru ta' proċeduri.

Jirriżulta illi fid-data u l-ħin indikati fiċ-ċitazzjoni odjerna, wara li l-kawża kontra Sharon Spiteri ġiet fi tmiemha, u wara tgħajjir u kummenti, skont Sharon Spiteri, missierha u wliedha da parti tal-imputat fil-konfront tagħhom u skont l-imputat, da parti tagħhom kollha fil-konfront tiegħu u tas-sieħba tiegħu, is-sitwazzjoni iddeġenerat f'argument fiżiku proprju kif il-partijiet ikkonċernati rifsu l-għatba ta' barra tal-bieb tal-Qorti. Ilkoll jaqblu illi dan l-inċident seħħ proprju wara li ntemmet din il-kawża u hekk kif waslu fil-bieb tal-Qorti, fi triqthom 'il barra. Madankollu dan il-qbil jieqaf hawn u effettivament hemm kunflitt bejn il-verżjoni mogħtija min-naħa 'l waħda minn Sharon Spiteri, missierha u wliedha u min-naħa l-oħra, dik mogħtija mill-imputat fir-rigward tad-dettal dwar kif żvolġew il-fatti illi wasslu għal-litiġju fiżiku li ta lok għall-imputazzjonijet kif miġjuba kontra l-istess imputat. Il-verżjoni mogħtija minn Sharon Spiteri hija korroborata minn missierha Raymond Spiteri u minn ulied il-partijiet, Mikela u Francesca Spiteri, li kif diġa` ngħad, kienu preżenti waqt l-

inċident, kif ukoll in parti mill-verżjoni mogħtija minn Dr. Christian Grima, li kien preżenti qabel l-aggressjoni fiżika, meta kien qed jakkumpanja lill-klijenta tiegħu ma' missierha u wliedha, ftit tal-mumenti qabel.

Il-Qrati tagħna kellhom bosta okkażżjonijiet sabiex jesprimu ruħhom dwar il-kunflitt fil-provi u huwa ormai paċifiku illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal nuqqas ta' sejbien ta' ħtija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-4 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs *Omissis***, fejn ingħad hekk:

"*Il-fatt li l-appellant ċaħad dawn l-inċidenti w li għalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx neċessarjament li hu kellu jiġi liberat għax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet ta' ... u tiskarta dik tiegħu. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni ta' akkużat. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker" [19.5.1997]: "It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

L-Artikolu 637 tal-Kap. 9 jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deċiża fid-9 ta' Lulju 2003).

Jinkombi għalhekk fuq il-Qorti l-obbligu illi tgħarbel il-provi sew sabiex tasal għall-konklużjoni dwar liema verżjoni għandha tingħata affidament. Wara li din il-Qorti fliet l-atti kollha bir-reqqa, fil-waqt illi ma teskludix illi seta' kien hemm xi kliem anke da parti ta' Sharon Spiteri u/jew uliedha diretti fil-konfront tal-imputat u/jew is-sieħba tiegħu, u dan b'mod partikolari in vista tal-kunflitti kontinwi li kien hemm dak iż-żmien bejniethom, m'għandhiex dubju illi l-imputat ittenta jxejjen dak illi seħħ u saħansitra kellu l-ardir jixħet il-ħtija tal-akkadut fuq is-sieħba tiegħu, li wara kollox baqgħet ma xehditx f'dawn il-proċeduri minkejja li hija wkoll kienet preżenti.

Apparti illi x-xhieda ta' Sharon Spiteri, missierha u wliedha hija kollha konformi ossia illi l-imputat odjern aggredixxa lil Spiteri bil-mod minnhom

spjegat fix-xhieda tagħhom u kkaġunalha l-ġrieħi minnha sofferti fil-jum in kwistjoni, iċ-ċertifikat mediku rilaxxjat fil-konfront ta' Spiteri ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana jindika iżjed minn tilwima ta' "*żewġ sekondi kollox*" bejn żewġ nisa, kif jgħid l-imputat fix-xhieda tiegħu. Anzi dan iċ-ċertifikat jindika illi Spiteri kellha uġigħ f'rasha, demm niexef u nefħa fuq il-lemin ta' xoffitha ta' isfel, nefħa u uġigħ fuq il-warda ta' wiċċha, fin-naħa tal-lemin, uġigħ, nefħa u moviment ristrett tas-sebgħa l-kbir ta' idha l-leminija, kif ukoll illi kienet fi stat ta' xokk u anzjeta`. Ċertament illi tali ġrieħi huma iżjed kompatibbli mal-verżjoni ta' Sharon Spiteri, missierha u wliedha milli mal-verżjoni tal-imputat. Il-Qorti tinnota wkoll illi apparti illi x-xhieda kollha jgħidu illi Spiteri kellha d-demm fuq xoffitha, inkluż ukoll Dr. Christian Grima, dan tal-aħħar iżid ukoll illi ra lil Spiteri b'xagħarha mqanfed, li wkoll jindika li x-xhieda ta' Sharon Spiteri, missierha u wliedha hija iżjed plawsibbli u verosimili u għandha iżjed mis-sewwa minn dik tal-imputat odjern. Mikela Spiteri iżżid tgħid illi kienet ċerta li ma kinitx is-sieħba ta' missierha li aggrediet lil ommha, stante illi din kienet tinsab proprju ħdejha fil-mument tal-aggressjoni da parti ta' missierha. Ix-xhieda ta' Dr. Christian Grima mbagħad ma tħallix dubju dwar l-istat li kien jinsab fih l-imputat wara li ntemmet il-kawża, liema stat huwa jiddeskrivih bħala xejn inqas minn "*stat ta' demonju*" u l-imputat stess jammetti li dakinhar kien aġitat, għalkemm jimputa dan l-istat tiegħu fuq il-parti l-oħra, skont hu, għaliex għajru lilu u lis-sieħba tiegħu u offendew lil ommu. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-aggressjoni li ġarrbet Sharon Spiteri u li wasslet għall-ġrieħi fuq indikati twettqet mill-imputat odjern. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tirrilevax ukoll illi hija kellha l-opportunita` tisma' lill-imputat jagħti x-xhieda tiegħu u setgħet tosserva wkoll il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, liema komportament qisitu bħala wieħed arroganti għall-aħħar. Issib ukoll ripudjanti l-allegazzjoni tal-imputat illi Sharon Spiteri setgħet anki ffabrikat il-ġrieħi ċertifikati stante illi ma ġietx akkumpanjata mill-pulizija meta marret ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa!

<u>Permezz tal-ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat jinsab akkużat illi kkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Sharon Spiteri, bi ksur tal-Artikoli 216 u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9.

Mill-provi prodotti ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat li ġew kaġunati ġrieħi ta' natura gravi fuq il-parti leża pero` jirriżulta illi ġew kaġunati biss ġrieħi ta' natura ħafifa li allura jinkwadraw ruħhom taħt l-Artikolu 221(1) u mhux taħt l-Artikolu 216 tal-Kap. 9.

L-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9 jelenka dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti illi jżidu l-piena tal-offiża bi grad u dan meta l-offiża ssir fuq *inter alia* il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq xi persuna msemmija fl-Artikolu 202(h) tal-Kap. 9. Dan l-aħħar artikolu mbagħad jirreferi wkoll għall-każ fejn id-delitt isir fuq

il-persuna ta' "*(i) il-konjuġi attwali jew eks konjuġi, sieħeb f'unjoni ċivili, jew koabitant*" u il-kelma "konjuġi" tinkludi lill-persuna li ż-żwieġ tagħha mal-ħati jkun ġie xolt jew dikjarat null. Fix-xhieda tagħha, Sharon Spiteri tgħid illi l-imputat odjern huwa "*l-ex raġel*"[24] u li ż-żwieġ tagħhom ġie dikjarat null, li jfisser illi fiż-żmien tal-każ, huma jew kienu għadhom konjuġi jew ex-konjuġi, u għalhekk fit-termini tal-Artikolu 202(h) tal-Kap. 9 u tal-Artikolu 222(1)(a).

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata in kwantu r-reat ta' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Sharon Spiteri, kompriż u nvolut fir-reat li bih ġie akkużat l-imputat odjern u in kwantu l-aggravanti ai termini tal-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9.

Permezz tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkużat ukoll talli kkaġuna biża' li ser tintuża vjolenza kontra Sharon Spiteri personalment jew kontra l-proprjeta` tagħha, kif ukoll illi kkaġuna din il-biża' wkoll fil-konfront tal-Avukat Dr. Christian Malcolm Grima LL.D. u dan fit-termini tal-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta' April 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** ingħad hekk fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9:

"*Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B tagħna – u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions ..." ... Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkazjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkazjonijiet – proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża, "on at least two occasions". Għal xi raġuni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika – il-kliem "on at least two occasions" thallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008 (OUP, 2007):*

[24] Ara a fol. 47 tal-proċess.

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct ... It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…" (Para. B11.82, pp. 650-651. Ara wkoll il-kummenti u osservazzjonijiet f'paragrafu B11.91, p. 653).*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).*"

Ma hemmx dubju illi l-aġir tal-imputat dak in-nhar tal-inċident ħoloq biża' ta' vjolenza fil-persuna tal-parti leża, u effettivament tali vjolenza fuq il-persuna tagħha ġiet eżerċitata wkoll. Biss dan l-aġir ma jistax jingħad illi jikkostitwixxi *course of conduct* għall-fini tar-reat ikkontemplat fl-imsemmi artikolu. Huwa minnu wkoll illi mill-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata – li fi kwalunkwe każ, il-Qorti ma tqisx bħala l-aħjar prova - jirriżulta illi kien hemm inċidenti oħrajn bejn il-partijiet, biss dawn kienu mbegħda minn xulxin bi trapass taż-żmien. Il-Qorti tqis ukoll illi anke l-imputazzjoni kif dedotta tikkonċentra speċifikament fuq data waħda u ħin partikolari. Wieħed mill-elementi essenzjali ta' dan ir-reat huwa komportament f'aktar minn okkażżjoni waħda u inċident wieħed waħdu ma jistax iwassal għal sejbien ta' ħtija.

L-istess jingħad għar-rigward it-tielet imputazzjoni billi l-kompartament tal-imputat fil-konfront tal-Avukat Dr Christian Grima kien inċident wieħed iżolat. Anki jekk kif xehed l-istess Avukat, huwa ħassu mbeżżża' bil-kliem tal-imputat, ma tressqet ebda prova illi l-imputat u l-avukat kellhom xi skontru ieħor qabel dak mertu tal-każ in diżamina.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati.

Permezz tar-raba’ imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat ukoll talli inġurja u/jew hedded lill-Avukat Dr Christian Grima LL.D ai termini tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Kif jirriżulta mix-xhieda tal-Avukat Dr. Grima supra riportata, huwa ħassu mhedded bil-kliem tal-imputat meta dan irrefera għall-fatt illi anki l-avukat għandu l-ulied, b’mod partikolari għaliex dan il-kliem kien akkumpanjat minn aġir aggressiv da parti tal-imputat, u dan kif spjegat minnu fix-xhieda tiegħu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta’ Mejju 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D’Alessandro**, ingħad illi ‘theddid’ ifisser “*li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (liema ħsara ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band’ohra fil-Kodiċi) liema ħsara tkun ukoll pprospettata li tiddependi mill-volonta` tal-istess aġent*”.

Il-Qorti tqis bħala kredibbli l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-Avukat Dr Christian Grima u wara kollox l-imputat lanqas innega li qal il-kliem indikat mill-istess avukat. Tqis ukoll illi dan il-kliem meta abbinat mal-istat tiegħu f’dak il-mument, mal-mod kif l-imputat kellem lill-avukut, fil-waqt illi ppunta wiċċu u subajgħ lejh, kien jammonta għal theddid u kien intiż hekk.

Għalhekk tqis illi r-raba’ imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

L-imputat ġie ukoll akkużat ukoll talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** deċiża nhar l-10 ta’ Settembru, 2004 fejn ingħad hekk:

“*Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva.*”

In sostenn ta’ dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta’ ċitazzjoni kontra Stephen Spiteri li, min-numru tal-karta tal-identita` jirriżulta illi huwa l-

imputat odjern, b'notamenti *di proprio pugno* tal-Maġistrat sedenti[25], kif ukoll vera kopja ta' ċitazzjoni oħra li hemm annessa magħha s-sentenza *di proprio pugno* tal-Maġistrat.[26] Il-Qorti tqis illi dawn ma jammontawx għal kopja legali jew kopja uffiċjali tas-sentenza, kif titlob il-ġurisprudenza, liema kopja uffiċjali għandha ċertament tkun dattilografata.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll kopja formali ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 31 ta' Mejju 2012, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'.[27] Din is-sentenza madankollu ma tikkontjenix il-konnotati tal-imputat f'dak il-każ u lanqas ma saret il-prova tal-identita` tiegħu ossia illi huwa proprju l-imputat odjern, b'mezzi oħrajn.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-imputat mhuwiex qiegħed jitqies bħala reċidiv.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali aġġornata tal-imputat, liema fedina penali tikkonsisti f'sejbien ta' ħtija dwar serq aggravat, denunzja ta' reat li kien jaf li ma sarx u ġurament falz, ksur ta' regolamenti tat-traffiku u reat taħt il-Kap. 65, bosta reati kontravvenzjonali, ħsara volontarja, fastidju u biża' li tintuża vjolenza, ksur ta' digriet tal-Qorti u feriti ta' natura ħafifa, dwar liema l-imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata f'seba' okkażjonijiet, sentenza ta' priġunerija sospiża darbtejn, sentenza ta' priġunerija effettiva u pieni pekunjarji, apparti garanzija personali diversi drabi wkoll.

Qegħda tqis ukoll in-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Il-Qorti tqis ukoll illi fiż-żmien in kwistjoni, il-piena applikabbli għar-reat taħt l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 kienet dik ta' massimu ta' tlett xhur priġunerija jew multa, liema piena għandha tiżdied bi grad, bl-aggravanti kkontemplat fl-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap 9.

Tqis ukoll id-dikjarazzjoni ta' Sharon Spiteri fis-seduta tat-3 ta' April 2017 u dan fis-sens illi ma kienx hemm inċidenti oħrajn wara l-każ mertu ta' dawn il-proċeduri, illi l-kawżi kollha illi kien hemm pendenti bejniethom ġew riżolti u li llum il-partijiet igawdu minn relazzjoni ċivili. Madanakollu, billi għad hemm xi diverġenzi bejnha u bejn l-imputat in kwantu l-aċċess tiegħu għal binthom minuri, hija ddikjarat ukoll illi jkun għaqli illi l-Qorti tordna l-ħruġ ta' Ordni ta'

[25] Ara Dok KB7, a fol. 121 tal-proċess.
[26] Dok. KB8, a fol. 122 u 123 tal-proċess.
[27] Ara Dok. KB9, a fol. 124 sa 126 tal-proċess.

Protezzjoni favur tagħha u l-minuri. F'dan ir-rigward, wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ u dak dikjarat minn Sharon Spiteri, in kwantu ma jidhrilhiex illi għandha tkun hi li tirriżolvi jew tidħol anke indirettament, fi kwistjonijiet ta' aċċess għall-minuri, tqis illi Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-istess Sharon Spiteri għandu jkun suffiċjenti.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 17(d), 221(1), 222(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-reċidiva miġjuba kontra tiegħu, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah għall-piena ta' erba' (4) xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal perjodu ta' sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

In oltre sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Sharon Spiteri u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 382A tal-Kap. 9, qegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur Sharon Spiteri (ID 203476(M)) fil-konfront tal-ħati Stephen Spiteri, permezz ta' liema l-ħati qed jiġi pprojbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-istess Sharon Spiteri, kif ukoll milli jivvessa jew b'xi mod jimmolesta lill-istess Spiteri. Tali Ordni għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien sentejn mil-lum.

Tordna illi dan l-Ordni jiġi kkomunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikser dan l-Ordni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat